# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**George Falzon**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra GEORGE FALZON ta' 30 sena, bin Carmelo u Rita nee Mula imwieled il-Pieta f'22.02.1985 u joqgħod, Ent 1 Fuq Tal-Blat Blk D Hal-Qormi KI142085(M) : -

"Talli 01.08.2015 u fiI-granet ta' qabel din data f'dawn il-gzejjer

1) akkuzat talli ghamilt uzu hazin minn mezz tal-komunikazzjoni cioe mobile

2) u aktar talli permezz ta' network jew apparat ta' telekomunikazzjoni insulentajt jew heddidt lil Silvianne Falzon u Joseph Mary Cardona bil-kliem u messaggi"

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li wara li ġew moqrija l-imputazzjonijiet lill-imputat huwa wieġeb li kien ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibu ħati u tikkonudannah għal piena li tista' tkun anke waħda karċerarja. Il-Qorti, wara li tagħtu żmien biżżejjed biex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, semgħat lill-imputat ittenni li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata imtennija mill-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Semgħet ukoll lill-imputat jiddikjara pubblikament u fil-Qorti bil-miftuħ li huwa kien qiegħed japoloġizza għall-aġir tiegħu fil-konfront ta' Marika Muscat.

## ***DEĊIDE***

Li wara li inter alia rat l-Artikoli 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li ssib lill-imputat, fuq l-ammissjoni tiegħu stess ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih tikkundannaħ għal multa ta' mitt euro li tista titħallas fi żmien xahrejn. Inoltre sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Silvianne Falzon u joseġħ Mary Cardona kif ukoll sabiex jitħares l-ordni pubbliku wara li rat l-Artikolu 383(1) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti

qegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' elfejn euro.

***Mogħtija illum l-4 ta' Marzu 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***